MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-27 ta' Mejju, 2004

Citazzjoni Numru. 2545/1999/1

**Claudette Haddar mart Hamadi Haddar, nee' Fenech**

**vs**

**Hamadi Haddar**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 19 ta' Novembru 1999 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi fit-tlieta (3) ta' Novembru tas-sena elf, disa' mija u tlieta u disghin (1993) gie ccelebrat iz-zwieg bejn l-attrici u l-konvenut fir-Registru taz-Zwieg f'Malta, liema zwieg gie skritt fir-Registru Pubbliku ta' Malta permezz ta' Att li jgib in-numru elfejn u hamsa u tmenin ta' dik is-sena (2085/93) (Dok "A").

Illi minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal Tamara u Torea, ahwa Haddar.

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens ta’ l-attrici nkiseb b’qerq dwar xi kwalita’ tal-parti l-ohra li tista’ mix-xorta taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga.

Illi dan iz-zwieg huwa null peress li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat minhabba difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha.

Illi dan iz-zwieg huwa null minhabba li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b’anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta’ xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew id-dritt ghall-att taz-zwieg.

Illi l-kunsens tal-konvenut kien simulat u z-zwieg kien wiehed ta’ konvenjenza, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi l-kunsens ta’ l-attrici kien marbut ma’ kundizzjoni li tirreferi ghall-futur.

Illi ghalhekk, dan iz-zwieg huwa null u bla effett skond il-Ligi, b’mod partikolari a tenur tas-**subincizi (c), (d), (f) u (g) tas-sub-artikolu wiehed (1) ta’ l-artikolu dsatax (19) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg tas-sena elf, disa’ mija u hamsa u sebghin (1975) (Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta)** kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni.

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta’ Malta, fit-tlieta (3) ta’ Novembru 1993 huwa null u bla effett u ghalhekk

tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-**Att taz-Zwieg** relattiv (Dok “A”).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ngunt minn issa stess ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 u 5 tal-process;

Rat il-verbali tas-seduti tat-22 ta’ Mejju 2000 fejn fil-kontumacja tal-konvenut il-Qorti nnominat lil Dr. Edwina Chetcuti bhala Perit Legali biex tigbor il-provi u tirrelata; tat-22 ta’ Novembru 2000; tat-12 ta’ Frar 2001; tas-17 ta’ Settembru 2001; tat-2 ta’ Novembru 2001; u tat-22 ta’ Frar 2002 fejn il-kawza giet differita biex tkompli tinstema’ minn din il-Qorti kif prezentament presjeduta mill-Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.

Rat in-nota ta’ l-attrici datata 9 t’April 2002 li permezz taghha esebiet l-affidavit ta’ ommha, Joyce Fenech.

Rat il-verbal tal-21 ta’ Mejju 2002 fejn il-Qorti ordnat li tinzamm l-ahhar seduta mill-Perit Legali ghall-konkluzjoni tal-provi ta’ l-attrici. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’terminu ta’ erbghin (40) gurnata jibdew mid-data ta’ l-ahhar seduta ghall-konkluzjoni tal-provi attrici, wara liema terminu l-Assistent Gudizzjarju gie ordnat izomm zewg seduti ghall-konkluzjoni provi tal-konvenut.

Rat in-nota tal-konvenut tad-29 ta’ Mejju 2002 li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess.

Rat il-verbali tas-seduta tal-5 ta’ Novembru 2002 fejn gew dikjarati l-provi tal-partijiet maghluqa; u tas-26 ta’ Marzu 2003.

Rat in-nota tal-konvenut datata li permezz taghha esebixxa l-affidavit iehor tieghu, liema affidavit gie aktar tard sfilzat b’digriet tal-Qorti tat-22 ta’ Mejju 2003 peress li gie pprezentat bla awtorizzazzjoni.

Rat il-verbali tat-22 ta' Mejju 2003 fejn il-Perit Legali halfet ir-rapport. Dr. Stephanie Galea ghall-attrici rrimettiet ruhha ghar-rapport; u tas-16 t'Ottubru 2003 fejn peress li l-konvenut u d-difensur tieghu msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux, il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Mejju 2004.

Rat li l-konvenut minkejja li gie debitament notifikat bic-citazzjoni attrici baqa' ma pprezenta ebda nota ta' l-eccezzjonijiet u ghalhekk baqa' kontumaci.

Rat ir-rapport tal-Perit Legali, il-verbali tas-seduti minnha mizmuma, inkluz x-xhieda kollha quddiemha prodotta, u d-dokumenti kollha pprezentati.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### (i) PROVI PRODOTTI.

Illi l**-attrici** tixhed u tghid illi hija wara l-ewwel sitt xhur illi kienet bdiet tohrog mal-konvenut, huma kienu hassru ghaliex hija kellha problemi mal-familja taghha li ma riedux jaccettaw lill-konvenut. Il-konvenut kien ta' nazzjonalita' Tunezina, izda wara madwar ghaxar xhur huma regghu bdew johorgu flimkien, pero' hija ma kellha l-ebda ntenzjoni li tizzewgu malajr. Madanakollu, hdax-il xahar wara, huma zzewgu civilment u dana fit-3 ta' Novembru 1993. Huma kellhom ghoxrin sena. F'Gunju tal-1993, kienet skadiet il-VISA tal-konvenut u ghalhekk huwa spicca Malta minghajr permess. Kien ghalhekk illi huwa issugerielha illi jizzewgu, izda ghall-ewwel hija ma rieditx peress illi kienet ghadha m'ghamlet ebda pjan ta' zwieg. Hija riedet tizzewweg bil-Knisja aktar 'il quddiem, izda accettat li tizzewweg civilment u dana sabiex il-konvenut ikun jista' jibqa' Malta. Fil-fatt hija tghid illi huwa tant kien insista maghha sabiex jizzewgu illi sa fl-ahhar hija cediet ghal pressjoni tieghu. Huwa kien iheddidha illi jekk ma

taccettax li tizzewgu, huwa kien ser jitlaqha. Ezatt kif kienu zzewgu, il-konvenut applika ghac-cittadinanza Maltija u l-Awtoritajiet kienu hadulu l-passaport Tunezin. Qabel iz-zwieg hija kienet infurmat lill-konvenut li riedet tizzewweg bil-Knisja u hu ma kienx oppona. Fil-fatt huma zzewgu bir-rit kattoliku f'Dicembru 1994.

Illi l-attrici tghid illi l-konvenut kien ilu Malta mill-1989 meta huwa kien gie ma' missieru. Qatt ma ried imur lura Tunez u dana peress illi ma riedx jaghmel il-perijodu tal-lieva. Qabel iz-zwieg, tghid illi l-konvenut kellu diversi mpiegi, izda qatt ma haseb ghall-futur. Meta zzewgu, huma kienu marru joqoghdu gewwa appartament li kien mikri lilu u fejn kien joqghod hu. Hija kienet tinsisti mieghu sabiex jixtru dar, izda huwa kien ighidilha li kien jibza' mid-dejn. Damu jghixu f'dan l-appartament sa Jannar 1994, meta l-*flat* inharaq, minhabba t-televizjoni. Wara marru jghixu gimgha ghand il-genituri taghha u sussewgentement marru jghixu ghal perjodu qasir gewwa appartament iehor.

Illi l-attrici tixhed illi ghall-ewwel ftit zmien taz-zwieg taghhom sat-twelid ta' l-ewwel tarbija, kollox kien miexi sew. Ftit wara t-twelid ta' l-ewwel tarbija, huwa qalilha li kien ser isiefer lejn Tunez sabiex jara lill-familja tieghu. Dana kien fl-1994. F'Marzu 1995, huma fil-fatt siefru lejn Tunez u hadu t-tifla maghhom. Sussegwentement hija harget tqila bit-tieni tarbija u l-affarijiet bejniethom bdew jehzienu. Huwa ma accettax din it-tarbija u kien jaghti t-tort lilha ghal dan il-fatt. Torea twieldet fl-14 ta' Settembru 1996. Il-konvenut hawn qabad il-vizzju li jibda johrog wahdu. F'dan il-perjodu wkoll huwa beda jbiddel ix-xoghol kontinwament.

Illi missier l-attrici, **Ferdinand Fenech**, jixhed u jghid illi huwa sar jaf lill-konvenut madwar sentejn qabel iz-zwieg bejnu u bejn it-tifla tieghu. Sa fejn jaf hu qatt ma kien hemm gherusija ufficjali bejniethom. Hu kien jaf biss illi bintu kienet qed tohrog ma' dan ir-ragel. Sar jaf minn terza persuna, x'aktarx li kienet martu, illi bintu kienet izzewget bir-rit civili u ghalhekk huwa ma kienx prezenti ghac-cerimonja.

Illi huwa jghid illi kellu relazzjoni tajba ma' bintu, izda l-inkwiet beda bejniethom peress illi huwa ma approvax ir-relazzjoni taghha mal-konvenut u dana ghaliex fl-ewwel lok kien sar jaf illi l-konvenut kien qieghed Malta minghajr permessi, u fit-tieni lok peress illi huwa ma kienx sema' affarijiet sbieh fuqu u fuq missieru. Huwa fil-fatt kien sar jaf minn ghand xi hbieb tieghu illi missieru kellu l-vizzju jirrikatta lin-nies sabiex jehdilhom il-flus.

Illi jiftakar illi f'okkazjoni partikolari, binthom ma kenitx irritornat id-dar fil-ghaxija u ghalhekk hu u l-mara tieghu bdew ifittxuha peress illi kienu bdew jinkwetaw dwarha. Huma hargu jfittxuha l-ghada fil-ghodu. Kienu anke cemplu xi hbieb taghha u kienu gew infurmati illi binthom kienet izzewget. Huwa ma setax jaccetta din l-ahbar u ma emminx u ghalhekk mar ghax-xoghol. Madwar tlieta jew erbat ijiem wara huwa kien iltaqa' mat-tifla tieghu peress illi hija kienet marret fil-lukanda fejn kien jahdem u cjoe' il-Paradise Bay Hotel. Sa dakinhar huwa personalment qatt ma kellu kuntatti mal-konvenut. Ighid illi dakinhar huwa ma kienx kellimha u njoraha kompletament. Huwa lanqas kien talab spjegazzjoni lil bintu dwar iz-zwieg taghha u dana peress illi baqa' jirrifjuta jaccetta dan bhala fatt.

Illi fil-festa tal-Milied madanakollu, huwa kien stieden lil bintu u lil zewgha d-dar taghhom. Dakinhar huwa kien qal lill-konvenut li ried ikellmu wahdu u ghalhekk kienu hargu barra fuq it-terazzin. Huwa kien qallu li bil-mod kif izzewweg huwa kien seraqlu lil bintu u li ghalhekk ma kienx mexa sew, izda hu kien lest li jahfirlu. Il-konvenut kien infurmah illi kien ihobb lil Claudette, izda huwa kien wissih biex jirrispettaha u biex qatt ma jerfa' jdejh fuqha. Sa Jannar ta' wara huwa kien ghadu lanqas jaf fejn kienet marret tghix bintu mal-konvenut. Sar jaf meta kien gie nfurmat illi t-tifla kellha ncident fi *flat* Bugibba u ghalhekk hu flimkien ma' martu kienu marru jfittxu dan l-appartament. Il-flat kien inharaq u ghalhekk bintu flimkien ma' zewgha kienu ghamlu gimgha jghixu ghandhom id-dar. Wara huma kienu krew *flat* iehor.

Illi missier l-attrici jghid illi huwa nduna li kien hemm il-problemi bejn bintu u zewgha madwar sena u nofs qabel

is-separazzjoni. Dan gara meta darba minnhom kienet cemplet binthom id-dar tibki illi zewgha kien telaq mid-dar. Meta huwa mar fl-apparatment taghhom, kien sab diversi oggetti mkissrin li kienu jindikaw illi kienet sehhet xi glieda. Huwa kien informa lil bintu sabiex isolvu l-problemi taghhom bejniethom u li hu ma riedx jindahal. Jiftakar illi l-konvenut kien irritorna d-dar, izda ftit wara kien rega' telaq. Meta l-konvenut telaq definittivament, ighid illi bintu kienet cemplitilhom u qaltilhom li riedet tiltaqa' maghhom. Meta marru kienet infurmathom illi zewgha kien telaq mid-dar. Sar jaf sussegwentement minn indagini li kien ghamel illi l-konvenut kien mar ighix ma' mara ohra f'appartament gewwa Bugibba. Huwa ma kien informa xejn lil bintu b'dan.

Illi huwa jghid illi finanzjarjament il-kontendenti kienu batuti. Jaf illi kienu jmorru jfittxu l-proprjetajiet. Huwa spjega lill-konvenut dak li kellhom jaghmlu sabiex jiehdu self mill-bank. Meta huma sabu post, huwa kien hargilhom xi flus u ghall-kumplament hadu self mill-Bank of Valletta. Dana ghamlu peress illi huma ma kellhomx flus. Il-konvenut fil-fatt ma kienx hareg sold wiehed ghall-akkwist tad-dar. Jaf illi l-konvenut kien jahdem u kellu xoghol ta' *baker*.

Illi omm l-attrici, **Joyce Fenech** ipprezentat ix-xhieda taghha permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Hija tixhed illi bintha bdiet tohrog mal-konvenut madwar sena qabel ma zzewgu civilment f'Novembru 1993. Hi u zewgha ma kienux approvaw din ir-relazzjoni. Tghid illi zewgha kien jaf x'kien isarraf il-konvenut ghaliex kien ghamel xi zmien jahdem mieghu u *inoltre* missieru lanqas ma kellu reputazzjoni tajba ghaliex zewgha kien staqsa fuqu mall-pulizija. Kemm binthom kif ukoll il-konvenut kienu jafu b'din l-oppozizzjoni. Lejlet it-tieg kienet cemplitilhom persuna u qaltilhom illi l-ghada binthom u l-konvenut kienu ser jizzewgu bir-rit civili. Huma wrew lil binthom li ma approvawx u ghalhekk lejlet it-tieg Claudette telqghet mid-dar u marret torqod fl-appartament tal-konvenut.

Illi x-xhud tghid illi zewgha kien spiss juri l-oppozizzjoni tieghu ma' bintu u tant kien inkwetat u ma riedx lil bintu

taghmel dan il-pass li kien jaghmel hafna xenati u anke jkisser l-affarijiet id-dar. Hija tirrakkonta episodju meta Claudette u Hamadi marru Ghawdex u huwa ried ikollu x'jaqsam maghha sabiex tinqabad tqila u ghalhekk ikollhom jizzewgu bilfors, izda bintha ma kenitx accettat.

Illi x-xhud tghid illi hija u zewgha kienu anke talbu l-intervent ta' patri sabiex jipprova jikkonvinci lil Claudette tiehu z-zmien taghha qabel tizzewweg. Huma kellhom fiducja li din il-persuna setghet tikkonvinci lil binthom. Izda il-konvenut ried jizzewweg malajr, anke kontra l-volonta ta' missier Claudette.

Illi meta huma rcevew it-telefonata li Claudette kienet ser tizzewweg l-ghada, tghid illi zewgha kienet ser taghtih rasu u ghalhekk hargu ifittxuha, izda minghajr success. Wara z-zwieg huma ma kellhomx aktar kuntatti ma' Claudette sakemm ghal perijodu tal-Milied zewgha kien stedinhom id-dar ghandhom u ghalhekk kienu ghamlu paci ma' binthom.

Illi hija tghid illi meta zzewgu bil-Knisja, huma accettaw li jkunu prezenti ghaliex ma setghux jaghmlu mod iehor. Huma kienu diga' mizzewgin u ghalhekk kellhom jaccettawha. Tghid illi zewgha kien ghenhom hafna finanzjarjament ghaliex il-konvenut ma kellux ambizzjonijiet u ghalih kien bizzejjed li jirregistra. Anke meta huwa kien siefer lejn Tunez, kien tah il-flus zewgha biex ikun jista' jaghmel dan. Tirrakkonta illi kien jinsa jmur ghat-tifla l-iskola u mhux l-ewwel darba meta z-zghira kienet ghadha *toddler* li kienet tmur u ssibu rieqed fuq is-sufan, u t-tifla ddur mad-dar minghajr sorveljanza, jew inkella kien ihalli t-tfal id-dar wahedhom. Ghalhekk hija kienet offriet lil Claudette sabiex izzomm it-tfal hi meta bintha kienet tkun xoghol.

Illi hija tghid illi ndunat li kien hemm l-inkwiet bejn il-kontendenti meta t-tifla Tamara bdiet tirrezisti hafna biex tmur lura d-dar. Kienet tghidilha li trid tibqa' maghha. Dak iz-zmien it-tifla kellha xi tliet snin. Bintha kienet ukoll infurmatha illi hi u Hamadi kienu qed jiggieldu ta' spiss. It-tifla Tamara kienet anke qaltilha illi missierha kien hareg

sikkina ghal ommha u hija nkwetat hafna u meta kkonfrontat lil Claudette din ippruvat tahbilha. Hija ndunat illi Claudette kienet innervjata u nkwetata, u dana ghaliex ghajnuna minn zewgha ma kellhiex.

Illi **Edwin Mallia**, *Senior Executive* mal-*Employment and Training Corporation* jaghmel referenza ghad-dokument “HH1” ipprezentat mill-attrici u jikkonferma l-kontenut tieghu, u cjoe’ illi bejn il-15 ta’ Novembru 1993 u s-17 ta’ Settembru 2001, il-konvenut kellu diversi mpiegi kif jirrizulta mill-istess dokument.

Illi **Tonio Fenech**, *Assistant Principal* fl-Ufficcju tac-Cittadinanza u l-*Expatriates*, jixhed illi l-konvenut kien applika ghac-cittadinanza Maltija fil-5 ta’ Novembru 1993 u kien sar cittadin Malti fil-11 ta’ Jannar 1994. L-*enquiry* ghall-*exempt person status* saret fl-istess gurnata li applika ghac-cittadinanza u l-*exempt status* harget fil-15 ta’ Novembru 1993.

Illi x-xhud **P.S. 1375, Anthony Camilleri**, stazzjonat is-Central Immigration Office, ighid illi l-ewwel applikazzjoni tal-konvenut sabiex huwa joqghod Malta, u cjoe’ l-*“extension of stay application*” saret fit-13 ta’ April 1989 meta huwa kien mar japplika ghall-*extension of stay* bhala *holiday* wara li kien gie Malta ghall-ewwel darba fid-9 ta’ April 1989. Huwa kien gie moghti *extension of stay* sal-21 ta’ Mejju 1989 u kellu *confirmed ticket*. Fit-12 ta’ Ottubru 1989 huwa rega’ mar japplika. F’dak iz-zmien missieru kellu *work permit* u hu gie moghti *extension of stay* sal-31 ta’ Ottubru 1990 abbazi ta’ dan il-*work permit* ta’ missieru. Wara li skadielu z-zmien fit-30 ta’ Novembru rega’ mar japplika u gie moghti *extension* sa l-ahhar ta’ Frar 1991. Wara dan iz-zmien ghamel diversi applikazzjonijiet ghall-estensjonijiet u l-ahhar wahda kienet fl-24 ta’ Lulju 1993, meta huwa kien hadilhom ittra minghand il-Kappillan tal-Parrocca ta’ San Pawl il-Bahar, Fr. Thomas Calleja, fejn kienu gew infurmati illi huwa kien bi hsiebu jizzewweg mara Maltija mill-Parrocca ta’ San Pawl il-Bahar. L-*extension* ghalhekk giet moghtija sa Novembru 1993. Ix-xhud ighid illi l-estensjonijiet dejjem gew moghtija mill-ufficcju taghhom, izda dejjem wara li l-applikant ikun telaq

minn Malta u rega’ gie. Din hija dejjem il-procedura normali li tigi segwita. Ighid illi huma ma kenux talbu konferma minghand il-mara illi l-konvenut kien ser jizzewweg izda kienu strahu fuq l-ittra tal-Kappillan.

Illi **l-konvenut**, ghalkemm kontumaci pprezenta x-xhieda tieghu bl-affidavit. Huwa jikkonferma illi zzewweg lill-attrici fit-3 ta’ Novembru 1993 u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal bniet Tamara u Torea.

Illi huwa jghid illi mill-ewwel wara z-zwieg beda l-inkwiet bejnu u bejn l-attrici u dana ghaliex hija kienet tippretendi li tikkmanda gewwa d-dar u kienet anke tipprova twaqqghu ghac-cajt f’dak li kien ighid u dana ghaliex hija kienet gejja minn familja tal-flus. Missier Claudette, ighid huwa sid ta’ diversi lukandi f’Malta u l-familja kollha ghandhom karattru dominanti u jghid ghalhekk illi martu kienet tippretendi li tikkmandah bhall-impjegati ta’ missierha. Dan l-agir taghha kompla jihzien wara li kellhom it-tfal, tant illi ghalih il-hajja bejniethom kienet saret insopportabbli. Ighid illi hija kienet tkun ftit hin id-dar u meta kienet tkun hemm hija kienet issawwat vjolentement lil uliedhom.

Illi ghalhekk martu ssuggeriet illi jiehdu ftit *break* minn xulxin billi hu jmur jghix ghand missieru filwaqt lil Claudette kienet tmur tghix ghand missierha. Izda minflok ghamlet dan hija baqghet gewwa l-appartament taghhom u biddlitlu s-serratura. Huwa ma setax jidhol aktar id-dar u meta pprova jkellimha, kien dahal missierha fix-xena u beda iheddu tant illi kellu jaghmel garanzija.

Illi jghid illi ghalkemm il-Qorti taghtu access ghal uliedu erbat ijiem fil-gimgha bejn it-3:00 p.m. u l-5:00 p.m., hu ilu ma jara lil uliedu ’l fuq minn sena. Ighid illi ghall-ewwel l-access kien isir fid-dar ta’ martu, izda bdew jigu l-familjari taghha tant illi ghamluha mpossibbli ghalih bl-intimidazzjoni taghhom. Martu spiccat biddlet in-numru tat-telefon u meta jcemplilha fuq il-post tax-xoghol l-impjegati ma ighaddulhiex it-telefonata u ommha taqtaghlu t-telefon, tant illi huwa spicca minghajr access ghal uliedu.

Illi huwa jghid illi martu ghandha relazzjoni ma' wiehed Michael u hu gieli ltaqa' maghhom flimkien ma' wliedu, u gieli ra l-karozza ta' dan Michael ipparkeggjata wara l-bieb tad-dar ta' l-attrici fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu. Jaf ukoll illi dan Michael jakkompanja lil uliedu ghall-iskola.

Illi huwa jghid illi martu tahdem bhala *beautician part-time* u tahdem ukoll bhala *Manager* fil-Paradise Bay Hotel, izda fil-perijodu li kienu flimkien hija qatt ma tatu sold. Fil-bidu tal-1999 huma kienu xtraw post flimkien gewwa x-Xemxija bil-prezz ta' Lm53,000. Kienu hadu self mill-bank fl-ammont ta' Lm30,000 u l-kumplament kienu gew mislufa lilhom minghand missierha.

**<u>(ii) KONSIDERAZZJONIJIET DWAR IL-PROVI PRODOTTI.</u>**

Illi mill-premessi tac-citazzjoni jirrizulta illi l-attrici qieghda tibbaza t-talba taghha ghall-annullament taz-zwieg ghal diversi ragunijiet previsti fl-**artikolu 19 (1) ta' l-Att Dwar iz-Zwieg** u precizament ghal dak li hemm previst fis-**sub-inicizi (c), (g), (f) u (d)** u cjoe' illi l-kunsens ta' l-attrici nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-konvenut li tista' mix-xorti taghha tfixkel serjament il-hajja mizzewga, li l-kunsens ta' l-attrici kien marbut ma' kundizzjoni li tirreferi ghall-futur, illi l-kunsens tal-konvenut kien issimulat u illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju mehtiega ghall-hajja mizzewga u ma kienux kapaci jassumu r-responsabbiltajiet taz-zwieg minhabba anomalija psikologika li kien qed ibaghti minnha. Illi l-din il-Qorti bhall-abbli Perit Legali tirrileva illi f'dawn il-proceduri l-konvenut baqa' kontumaci.

Illi **artikolu 19 (1) (f)** jiddisponi kif gej:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga."*

Illi hawnhekk il-ligi qieghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa l-qofol ta' kwalunkwe ftehim

jew kuntratt, specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista' jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu **"El Nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:

*"Nel senso guridico ampio viene chiamato consenso l'incontro di diverse volonta in ordine allo stesso obbligo. Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta' di un uomo e di una donna in ordine alla cotituzione dello stato coniugale."*

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni ta' l-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament, allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

*"Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta' nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta."* (***J.F.Castano*** – **"Il Sacramento del Matrimonio"**).

Il-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazzjoni totali meta persuna teskludi z-zwieg fit-totalita' tieghu bhala ftehim bejn ragel u mara fejn jistabbilixxu unjoni ghal hajjtihom kollha bl-elementi kollha li tistabbilixxi l-ligi ghal kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi necessarji rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u

trobbija ta' l-ulied, jew l-eskluzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga l-validita' *o meno* tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat ma huwiex bizzejjed illi jkun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda jrid bilfors ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta jkollha l-volonta' u x-xewqa li teskludi z-zwieg. Ma huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista' jkun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali jkun car illi l-kunsens matrimonjali jkun gie simulat.

*"L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione espressa o esplicita, ma l'atto della volonta puo' essere emesso anche con intenzione implicita, vale a dire <u>mediante il modo di comportarsi</u> del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta, oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O.Giacchi*** – **"Il Consenso Matrimoniale Canonico"**).

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. deciza fid-9 ta' Marzu 2000 – Cit. Nru. 1019/98RCP) u din il-Qorti qieghda taghmel ghalhekk ampja referenza ghall-principji legali enunzjati fl-istess.

*Inoltre* f'sentenza fl-ismijiet **"Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella"** deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit. Nru. 1822/01RCP), il-Qorti stqarret is-segwenti u dana b'referenza ghal sentenza ohra fl-ismijiet **"Theresa Taguri vs Avukat Christopher Cilia et noe"**:-

*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qrati taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa*

*direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perijodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghad-decizjonijiet **"Josette Lungaro vs Jesmond Lauro"** – (P.A. deciza fl-1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** – (P.A. deciza fit-8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi vs Ibrahim El Shimi"** (P.A. deciza fl-20 ta' Gunju 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** – (P.A. deciza fit-30 t'April 2002) fost ohrajn).

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta s-segwenti:-

Illi l-konvenut kien jinsab Malta minghajr il-permessi necessarji biex jirrijsedi fil-pajjiz. Illi l-ewwel darba li dahal Malta kien fl-1989 u minn dak iz-zmien jidher illi l-intenzjoni tieghu kienet illi jibqa' jghix Malta. Fil-fatt mix-xhieda ta' P.S. 1375, Anthony Camilleri johrog car illi huwa kien ghamel zmien twil gej u sejjer minn Malta ghal Tunez u applika kemm-il darba ma' l-Ufficcju ta' l-Immigrazzjoni ghal *extension of stay* illi milli jidher dejjem inghatatlu. Fl-24 ta' Lulju 1993 huwa kien ottjena ittra minghand il-Kappillan ta' San Pawl il-Bahar fejn l-Ufficcju ta' l-Immigrazzjoni gew infurmati illi huwa kien ser jizzewweg lill-attrici u ghalhekk inghatatlu l-ahhar *extension* sad-data taz-zwieg tieghu u cjoe' sa Novembru 1993, meta mbaghad huwa applika kemm ghall-*exempt person status*, kif ukoll ghac-cittadinanza Maltija. Huwa ottjena l-*exempt person status* fil-15 ta' Novembru 1993, ftit gimghat wara z-zwieg u c-cittadinanza Maltija f'Jannar tas-sena ta' wara. Illi ghalhekk jidher illi sa minn meta huwa rifes Malta ghall-ewwel darba u cjoe' mill-1989, huwa ghamel l-almu tieghu sabiex jottjeni l-permessi biex jibqa' hawn u sa fl-ahhar irnexxielu jikseb dan b'mod permanenti permezz taz-zwieg tieghu ma' l-attrici.

Illi x-xhieda mressqa f'dan il-kaz hija simili ghall-bosta kazijiet li tressqu f'dawn l-ahhar snin quddiem il-Qrati taghna li kkoncernaw zwigijiet ma' barranin, zwigijiet hekk imsejha ta' konvenjenza. Iz-zwieg kien qed isir il-mezz sabiex persuna barranija tikseb il-biljett taghha ghall-

permanenza tieghu gewwa l-gzejjer taghna. Illi fl-ahhar snin anke l-legislatur hass illi dawn it-tip ta’ nies kienu qed isiru bhal parassiti fis-socjeta’ taghna tant illi giet emendata l-ligi fejn persuna ma tistax tapplika ghac-cittadinanza Maltija qabel ma jkunu ghaddew hames snin ta’ konvivenza fiz-zwieg.

Illi bla ebda dubju f’dan il-kaz l-uniku skop ghalfejn izzewweg il-konvenut kien sabiex ma jitkecciex minn Malta. Fil-fatt anke l-attrici tghid illi hija ma kellha l-ebda ntenzjoni tizzewweg lill-konvenut, izda huwa beda jinsisti maghha tant illi spiccat biex cediet. Huwa fil-fatt kien anke beda jheddidha illi jekk ma tizzewgux, huwa kien ser jitlaqha. Jidher illi l-attrici kellha ccedi ghal dan ir-rikatt sabiex ma titilfux u l-konvenut kien jaf illi b’dan il-mod hija kienet ser taghmel dak li beda jesigi hu minnha. Fil-fatt l-attrici ghamlet dan il-pass sabiex il-konvenut ma jigix imkecci ghaliex hija tghid illi ma riditx tizzewweg b’dan il-mod, izda riedet tizzewweg aktar ’il quddiem bir-rit Kattoliku. Jidher illi lanqas il-genituri ta’ l-attrici ma kienu gew infurmati b’dan iz-zwieg appuntu ghaliex kemm l-attrici kif ukoll l-konvenut kienu jafu illi huma kienu ser isibu ostakolu sabiex jirnexxi l-pjan tal-konvenut.

Illi fil-fatt jirrizulta illi dan ma kienx iz-zwieg felici tant illi l-partijiet spiccaw mifrudin.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti bhall-abbli Perit Legali hija tal-fehma illi l-kunsens tal-konvenut kien totalment simulat, *stante* illi huwa kien qieghed jeskludi z-zwieg bhala kuntratt fit-totalita’ tieghu peress illi l-kunsens matrimonjali gie moghti minnu unikament sabiex huwa jikseb il-permess necessarju sabiex jibqa’ jirrisjedi gewwa Malta, haga li rnexxielu fil-fatt jottjeni f’qasir zmien wara z-zwieg. Dana jirrizulta minn xhieda ndipendenti prodotti f’din l-istanza.

Illi din il-Qorti issa sejra tghaddi biex tezamina wkoll in-nullita ta’ dana z-zwieg subordinatament taht dak provdut fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Att Dwar iz-Zwieg** li jinqara hekk:-

Illi zwieg ikun null, taht din id-dispozizzjoni tal-ligi:-

*“jekk il-kunsens ta’ xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b’difett serju ta’ diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b’anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.”*

Illi minn gurisprudenza kostanti jidher car illi l-kunsens moghti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratti in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa kuntratt *sui generis* u ta’ ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f’kuntratt ta’ zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita’ li jaghtu l-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta’ dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt huwa wiehed validu:-

*“Il matrimonio, in quanto patto ossia foedus … richiede una capacita’ intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e’ per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita’ di mente e di liberta’ dato che si tratta di assumersi una servitus per tutta la vita*.” (**Forum 1990**. Vol.I. part 1, pg.72)

Illi l-kuncett tad-*discretio judicii* ma jirrikjedix maturita’ shiha u perfetta fuq dak kollu li jirrikjedi iz-zwieg, izda konoxxenza shiha ta’ dak kollu li jkunu dehlin ghalih il-partijiet u cjoe’ ghall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-prezent kif ukoll fil-futur. *Inoltre* l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita’ affettiva u cjoe’ dak kollu li ghandu x’jaqsam ma’ l-emozzjonijiet u s-sentimenti taghhom fil-konfront ta’ xulxin. Jekk xi wahda minn dawn l-elementi hija b’xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju kif rikjest mil-ligi.

Illi f’sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **“Louise Vella xebba Calleja vs Louis Vella”**,

deciza fis-27 ta' Novembru 2002 (Cit. Nru. 1822/01/RCP) gie deciz is-segwenti:-

*"Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku. … Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita' shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' discretio judicii hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita' ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg."* Fis-sentenza taghha, il-Qorti tkompli ssostni:- *"Illi ghalhekk biex ikun hemm nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku/psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali."*

Illi din il-Qorti bhal brava Perit Legali ser taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **"Angela Spiteri Selvaggi vs Joseph Spiteri"** deciza fl-4 ta' Novembru 1994, fejn il-Qorti studjat fil-fond il-kuncett tad-diskrezzjoni tal-gudizzju. Fil-fatt fi kwotazzjoni twila ta' ***Pompedda*** l-Qorti sostniet:- *"In ogni caso i nubenti debbono avere conoscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale sia nei rigwardi dell'altra parte sia nei rigwardi della prole*."

Illi l-istess sentenza tidhol fil-fond f'dak li jghid ***Bersini*** fuq il-livell tad-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjest biex jinghata kunsens matrimonjali validu:-

*"La discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva … La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita'*

*affettiva comporta generalmente quella adeguata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, dell'emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore … Per dare un valido consenso, non e' sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e' il matrimonio, e' necessaria la maturita' di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell'atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro*."

Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Janet Portelli vs Victor Portelli"** (deciza fl-14 t'Awissu 1995), il-Prim' Awla tal-Qorti Civili osservat is-segwenti:-

*"It seems that discretion of judgment or maturity of judgment can be lacking if any one of the following three conditions or hypothesis is verified: (1) when sufficient intellectual knowledge of the object of consent to be given in entering marriage is lacking; (2) when the contracting party has not yet reached a sufficient amount of reflection that is proportionate to the conjugal affair that is a critical reflection apt for the nuptial; (3) or finally when either party contracting marriage is deprived of internal freedom, that is, that capacity to deliberate with sufficient weighing of the motives and, on the part of the will freedom (autonomia) from all force from within*."

Illi s-**subiniciz (1) (d)** jaghti bazi ohra ghan-nullita' taz-zwieg minhabba vizzju tal-kunsens. L-anomalija psikologika trid tkun wahda serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Kif gie ritenut fis-sentenza hawn fuq citata:- *"Inkapacita jew impossibbilta' vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja ndipendentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jikklassifikaha fil-kamp psikjatriku jew ta' psikologija tintakka sostanzjalment il-kapacita' di intendere e/o di volere."*

Illi fis-sentenza hawn fuq citata, **"Louise Vella vs Louis Vella"**, fil-fatt il-Qorti tistqarr:- *"Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad dritt kanoniku* ***(Can.1095(3))****, tirrikjedi mhux semplici diffikulta', izda mpossibbilta' li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg."*

Illi finalment ghalkemm il-**Kapitolu 255** ma jaghtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif stqarret il-Qorti fis-sentenza hawn fuq citata dawn huma dawk l-elementi li dejjem gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet tal-hajja mizzewga, u cjoe' dik l-unjoni permanenti, esklussiva u rrevokabbli, diretta ghal komunjoni ta' hajja u prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi ghalhekk jekk xi wahda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapacita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iz-zwieg li jigi hekk ikkreat ma jistax ikun wiehed validu. Illi f'sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet **"Kevin Spiteri vs Av. Dr. Renzo Porsella-Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP) gie deciz:-

*"Kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-Kap.255, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta' Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma 'the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseperable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to psychological cause, incapable*

*of assuming these obligations with these essential characterisitics.” (**Viladrich P.J.** Op.Cit., p.687).*

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet din il-Qorti bhal Perit Legali issa sejra tghaddi biex tezamina din id-dispozizzjoni tal-ligi fid-dawl tal-provi prodotti.

Illi kif diga’ gie ezaminat aktar ‘il fuq, il-konvenut izzewweg unikament ghall-iskop li jottjeni l-permessi biex jibqa’ jirrisjedi Malta. Jirrizulta illi l-kontendenti zzewgu meta kellhom ghoxrin sena u li l-konvenut kien ilu Malta mill-1989, u cjoe’ erba’ snin qabel. F’dawn is-snin, huwa kien mohhu sabiex jikseb permess wara l-iehor sabiex jibqa’ Malta. Illi l-gherusija ma’ l-attrici kienet wahda qasira u kienu anke ghamlu xi zmien mifrudin ghaliex il-genituri ta’ l-attrici ma kenux qed japprovaw ir-relazzjoni taghha mieghu. Illi ftit wara illi huma regghu bdew johorgu flimkien, izzewgu sabiex huwa ma jitkecciex minn Malta. Illi ghalhekk huwa car illi l-konvenut ma dahalx ghal kuntratt taz-zwieg b’konoxxenza shiha ta’ dak li jirrikjedi dan il-kuntratt taht il-ligi taghna.

Illi dan huwa ukoll ikkonfermat minn dak li sehh wara z-zwieg. Jidher illi l-konvenut ma kienx bniedem li wiehed jista’ jorbot fuqu. Flus ma kellux u sabiex jakkwistaw id-dar matrimonjali, il-kontendenti kellhom jissellfu l-flus minn ghand missier l-attrici, *oltre* li hadu self iehor mill-bank. Lanqas ambizzjonijiet fuq ix-xoghol ma kellu ghaliex kif jixhed id-Dokument “HH1”, esebit mill-attrici, il-konvenut biddel l-impieg tieghu mill-anqas tnax-il darba minn meta zzewweg, u cjoe’ mill-1993 sas-sena 2001 u ghamel diversi tipi ta’ xoghlijiet minn kok ghal *driver*.

Illi huwa ma gharafx jerfa’ r-responsabbiltajiet tal-hajja mizzewga *stante* illi meta dawn ir-responsabbiltajiet bdew jizdiedu wara t-twelid tat-tieni tarbija, huwa beda johrog wahdu u jghix hajja ta’ guvni. Beda jaghmilha cara illi huwa ma ried l-ebda tip ta’ rbit u spicca telaq mid-dar matrimonjali diversi drabi u sahansitra mar jghix ma’ mara ohra.

Illi ghalhekk huwa car illi l-konvenut ma gharafx jirrifletti, qabel iz-zwieg, fuq id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li kien diehel ghalihom. Huwa ma kellux dik il-maturita’ ta’ gudizzju u dik il-maturita’ affettiva rikjesti ghal kunsens matrimonjali validu. Huwa ma seta’ qatt ikollu dik il-liberta’ sabiex jirrifletti u jiddeciedi fuq iz-zwieg li kien diehel ghalih u dana peress illi huwa kien qieghed jara z-zwieg biss bhala mezz biex jikseb dak illi kellu tant ghal qalbu, u cjoe’ l-permess biex jibqa’ Malta. Zwieg mibni fuq dawn il-pedamenti ghalhekk ma seta’ qatt jirnexxi.

Illi ghaldaqstant fid-dawl tas-suespost, din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi l-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat fid-dawl ta’ dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u dana peress illi l-konvenut ma kellux dik id-diskrezzjoni tal-gudizzju rikjesta sabiex jidhol ghal kuntratt matrimonjali.

Illi maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet u peress illi tirrizulta n-nullita’ taz-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti taht id-dispozizzjoni **19 (1) (d) u (f) ta’ l-Att Dwar iz-Zwieg**, din il-Qorti bhall-abbli Perit Legali ma hijiex ser tghaddi biex tezamina n-nullita’ ta’ dan iz-zwieg taht dak dispost fis-**sub inciz (1) (c) u (g) ta’ dan l-artikolu tal-Ligi**. *Inoltre* din il-Qorti thoss li l-provi prodotti ma jistghux iwasslu sabiex igibu n-nullita’ taz-zwieg taht dawn l-artikoli tal-ligi.

Illi ghalhekk fid-dawl ta’ dak suespost din il-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi z-zwieg illi gie ccelebrat bejn il-kontendenti fit-3 ta’ Novembru 1993 huwa null u bla effett fil-ligi u dana peress illi l-kunsens tal-konvenut kien ghal kollox simulat u dana a tenur ta’ l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta**, *oltre* illi subordinatament il-kunsens tieghu kien ukoll ivvizzjat a bazi ta’ dak dispost fl-**artikolu 19 (1) (d) ta’ l-istess Ligi**.

## **<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-kontumacja tal-konvenut, **tilqa’ t-talba attrici** b’dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg iccelebrat bejn il-kontendenti fir-Registru taz-Zwigijiet ta’ Malta, fit-tlieta (3) ta’ Novembru 1993 huwa null u bla effett *stante* li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat a bazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta’ Malta** u ghalhekk tordna li ssir l-annotazzjoni opportuna fl-Att taz-Zwieg relattiv.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------